**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 40**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar 2022, permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier *(online)*
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

## Minuti

### 40.1 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2021

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2021.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fis-sena 2021 kien hemm żieda ta' ftit aktar minn € 23,000 fl-allokazzjoni finanzjarja. Matul is-sena 2021, id-dħul b'mod inġenerali naqas għall-Kunsill, x'aktar minħabba l-pandemija. Iżda dan it-tnaqqis ma kellu l-ebda mpatt fuq il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

L-akbar spejjeż ġew riflessi fis-Salarji u fis-servizzi li joffri l-Kunsill Lokali, fosthom fis-servizz tal-bulky refuse u l-Manutenzjoni tal-ġonna u soft areas. Dawn l-ispejjeż żdiedu għaliex ġew iffirmati kuntratti ġodda, li kellhom rati aktar għoljin mill-erba' snin li għaddew.

Madankollu, il-Kunsill għalaq is-sena b'surplus ta' € 101,302.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements. Il-Kunsillier Marvin Zammit issekonda.

L-unaudited Financial Statements 2021 ġew approvati b'mod unanimu.

### 40.2 Mozzjonijiet

**Mozzjoni Nru 102 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Bħala Kunsill Lokali Ħal Qormi rridu nieħdu ħsieb il-benesseri tar-residenti.

Bħala Kunsill Lokali rridu naraw li noffru l-għajnuna kollha possibbli fil-qasam edukattiv.

Bħala Kunsill Lokali jeħtieġ naraw li ż-żgħażagħ ikunu mħarrġa bl-aħjar mod possibbli f'diversi oqsma.

Wara li kellmuni żgħażagħ li jattendu l-gruppi rispettivi LINK Youths u Impact fil-parroċċi tagħna, qed nipproponi biex bħala Kunsill Lokali noffru l-kors ta' First Aid b'xejn lill-membri ta' dawn l-għaqdiet. Dan jinghata fis-sede tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi. Jekk naraw li dan il-kors ikun suċċess, jista' jiġi offrut ukoll lil żgħażagħ oħrajn involuti f'għaqdiet oħra wkoll u lill-komunità Qormija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Ivvutaw favur 9 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu

**Mozzjoni Nru 103 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill Lokali jaħtar bord tal-intervisti ndipendenti sabiex jagħmel l-intervisti għall-ingaġġ ta' staff mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

Nipproponi li l-bord ikun iffirmat kif ġej:
Dr Josef Masini Vento Sindku – Chairman

Jesmond Aquilina

Philip Carabott

Adrian Mifsud

Karen Camilleri – Segretarju tal-bord tal-għażla.

**Il-Kunsillier George Muscat** ssekonda

Ivvutaw favur 9 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**Mozzjoni Nru 104 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill Lokali jallokka s-somma ta' €1,500 lil kull Għaqda tan-Nar ta' Ħal Qormi sabiex flimkien mal-Kunsill jorganizza attivitajiet kif approvati mill-Kunsill Lokali.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda**.**

Ivvutaw favur 9 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**Mozzjoni Nru 105 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi 2022 jsir programm ta' attivitajiet kif ġej;

- Marċ mill-baned Qriema
- Serata Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni ta' Ġieħ Ħal Qormi

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' €7,500 sabiex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-unur Ġieħ Ħal Qormi jingħata lil

Jesmond Aquilna, bħala ex-Sindku ta' Ħal Qormi u President tar-Reġjun Nofsinhar.

Barra minhekk se jkunu qed jingħataw żewġ onoroficenjz in Absentia lil mibki Renald Falzon u n-Nutar Dr Antione Agius.

Barra minhekk għandu jingħata ukoll għarfien il-Ħila, Servizz liċ-Ċittadin lil Clyde M.Puli li serva bħala membru parlamentari għal bosta snin.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda**.**

Ivvutaw favur 9 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma lill-membri li bħalma ġew infurmati mis-Segretarju Eżekuttiv, l-istima tal-ispiża relatata max-xogħlijiet fi Triq San Pietru, tammonta għal madwar €23,000. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol huwa ferm meħtieġ, sabiex jitneħħa kull periklu eżistenti għas-sewwieqa li jużaw din it-triq.

Il-Kunsill approva din l-istima.

**39.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta l-1 ta' Marzu fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum 1 ta' Marzu 2022.

**IFFIRMAT**
Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

**IFFIRMAT**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv